**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR MICHELA SPITERI LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 24 ta' Mejju 2019**

Kawza Numru: 3/2018MS

Lawrence Borg (K.I. 16175G)

vs

Domenic Bajada (K.I. 252372M)

It-Tribunal

Ra l-avviz tal-attur ipprezentat fit-12 ta' Jannar 2018 fejn talab lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenut ihallsu s-somma ta' elf mija u sitta u ghoxrin euro u disghin centezmu (€1126.90) dovuti ghall-garr u provvista ta' ilma li sar mill-attur fuq inkarigu tal-konvenut f'diversi okkazjonijiet u ghal diversi postijiet kif jirrizulta minn *statement* datat 28 ta' Novembru 2017; bl-imghaxijiet skond il-ligi b'effett mid-data tal-ittra ufficjali u l-ispejjes.

Ra r-risposta tal-konvenut tas-7 ta' Frar 2019 fejn cahad li l-ammont mitlub hu dovut u dan ghaliex bejn il-partijiet kienet ilha ghaddejja ghal snin twal sistema fejn il-konvenut kien jordna a nom ta' terzi minghand l-attur is-servizz ta' garr u provvista tal-ilma fejn l-attur kien jaghti *commission* lil konvenut; Illi ricentement bejn il-partijiet kien hemm litigju u ghalhekk l-attur hareg il-kont shih fuq isem il-konvenut; illi l-ammont dovut lill-attur huwa ta' sitt mija u tmienja u erbghin Euro, li pero' ma giex accetat mill-attur u dan l-ammont gie depozitat il-Qorti minghajr pregudizzju; illi minghajr pregudizzju l-kontijiet ipprezentati mill-attur huma ngarbuljati u hemm indikati provvisti tal-ilma li qatt ma sehhew u ghalhekk l-ammont reklamat mhuwiex dovut; salv eccezzjonijiet ohra fil-fatt u fid-dritt.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza, inkluz l-*affidavits* tal-partijiet.

Sema' x-xhieda.

Ikkunsidra

Irrizulta mill-provi illi bejn il-partijiet kien hemm relazzjoni kummercjali fejn l-attur kien jipprovdi s-servizz ta' konsenja ta' ilma f'diversi qisien ta' *bowsers* lil diversi postijiet li jkun indikalu l-konvenut. Il-konsenji kienu ghal terzi persuni u l-attur kien qed jipprovdi s-servizz fuq inkarigu ta' Bajada (il-konvenut) li kien jiehu hsieb propjetajiet ta' terzi. Ta' dan il-konvenut kien jiehu *commission* fuq kull konsenja ta' ilma. Iktar ma jigi konsenjat ilma u akbar ikun il-*bowser*, aktar tkun gholja l-*commission.* Dan il-fatt ma jidhirx li huwa kontestat bejn il-partijiet, pero' l-kontestazzjoni qieghda fuq il-*quantum* tal-*commission* u kif dan kien jithallas u jitqassam - jigifieri jekk il-prezz mitlub lil terzi li jkunu rcievu s-servizz kien jinkludi wkoll il-*commission* tal-konvenut li eventwalment kellu jitnaqqas mill-ammont finali dovut lill-attur.

Biex jipprova l-istanza tieghu l-attur ipprezenta diversi rendikonti u fotokopji ta' fatturi. Il-konvenut ghamel l-istess.

L-attur f'din l-istanza qieghed jitlob l-ammont shih ta' €1,126.90 minghand il-konvenut peress illi jallega illi dan tal-ahhar kien ordna konsenji ta' ilma minghand l-attur.

Ikkunsidra

Illi mhuwiex ezattament car kif kien isir il-hlas jigifieri jekk il-klijenti kienux ihallsu lill-attur direttament mal-konsenja jew inkella lil konvenut biex imbaghad dan ihallas lill-attur nieqes il-*commission.*

Fl-affidavit tieghu l-attur ighid li kien hemm okkazjonijiet fejn thallas mis-sidien direttament fil-presenza ta' Bajada. Dan gie michud mill-konvenut fl-*affidavit* tieghu fejn ighid illi huwa dejjem gabar l-ammont shih minghand is-sidien.

Huwa probbabli li hija din l-ahhar sistema illi giet adoperata peress illi fl-*affidavit* tieghu l-attur ighid li kien bghatt kont lill-konvenut u li sallum dan baqa' ma hallsux filwaqt li l-konvenut jirrikonoxxi li hu kellu jaghti ammont ta' flus lill-attur, liema ammont gie depozitat il-Qorti.

Ikkunsidra

Illi fl-*affidavit* tieghu a fol 28, il-konvenut ighid hekk:

*"Bhal sistema dejjem konna nimxu bl-istess mod u dana fis-sens bowser ta' elf (1000) gallun Lawrence kien ibieghu bil-prezz ta' ghoxrin ewro (€20), pero' lili kien itihuli bil-prezz ta' tmintax il-ewro (€18). Bowser ta tlett telef (3000) gallun Lawrence kien ibieghu bil-prezz ta' tletin ewro (€30) pero lili kien itihuli bil-prezz ta' hamsa u ghoxrin (€25) filwaqt li bowser ta' sitt telef (6000) gallun Lawrence kien ibieghu bil-prezz ta' hamsin ewro (€50) pero' lili kien itihuli bil-prezz ta' hamsa u erbghin ewro (€45.) L-ircevuta kienet dejjem tkun bil-prezz kemm ibieghu hu u biex inkun preciz ricevuta ta' ghoxrin (€20) ewro, dik ta tletin (€30) jew ta' hamsin ewro (€50) skond il-kaz, u li kien jifdal kien commission ghalija. Dejjem hekk hdimna."*

Bazikament dan iffisser <u>illi l-ammont indikat fuq kull fattura kien l-ammont shih inkuz il-*commission* dovuta lill-konvenut. (ara wkoll fol 30 - paragrafu 4).</u> Din is-sistema hija korroborata mid-dokumenti esebiti mill-konvenut (Dok C1 sa C14) fejn jidhru l-ammonti hawn fuq indikati u cjoe' €20, €30 jew €50 skond il-kaz. Il-konvenut ikompli ighid:

*"**Id-delivery notes kienu dejjem ikunu fl-ammont shih halli jiena nigbor l-ammont shih minghand is-sidien. Dejjem kien inaqqsu mill-ammont tieghu** u mhux kif jidher fuq id-delivery notes li whud minnhom huma foloz …."*

Illi l-attur huwa pjuttost ekonomiku bil-kliem fl-*affidavit* tieghu u ighid biss illi kien jissuplixxi *bowsers* ta' qisien differenti li kien jordna Domenic Bajada u li fl-ahhar ta' kull stagun Bajada kien ihallas ta' dak l-istagun b'lura. Ghalkemm ma jsemmi xejn fl-*affidavit* dwar jekk kien jithallas ta' dan Bajada, fin-nota tieghu prezentata fid-19 ta' April 2018 (fol 19) li fiha jipprezenta sitt dokumenti li juru *delivery notes* ta' xoghol li sar minn Borg fuq ordni ta' Bajada, l-attur isostni li f'certi *delivery notes* il-prezz huwa ta' 5 Euro izjed minn dak li kien jzomm l-attur. Stond l-attur dan l-ammont -u cjoe' il-€5 - kien jittiehed minn Domenic Bajada bhala *commission* u kien jitnizzel fic-*chits* biss fejn jitlob hu. Dana gie negat mill-konvenut, kif diga rajna a fol 30. L-attur la fl-*affidavit* u lanqas in kontro-ezami ma jsemmi xejn fuq il-*bowser* tat-tlett elef gallun. Isemmi biss il-*bowser* z-zghir ta' €20, tan-nofs (tas-sitt elef) ta' €45 u ta' disat elef gallun li qieghed €75. (Kontro-ezami - pg 2 minn 8).

Ikkunsidra

Illi rigward il-fatturi u r-rendikont pprezentati mill-attur, it-Tribunal issib illi hemm diversi kontradizzjonijiet fl-istess cifri u dokumenti:

Fil-fattura numru 13737 a fol 21 u 15004 a fol 22 li jirraprezentaw *bowsers* ta' tlett elef gallun, ic-cifra hija €35 il-wiehed, mentri fil-fattura numru 13955 a fol 25 ukoll ghall-tlett elef gallun, ic-cifra hija ta' €30 Euro. Imbaghad fir-rendikonti pprezentati minnu a fol 4 u a fol 5 dawn l-istess fatturi huma indikati bit-tletin Euro (€30).

Issa ghalkemm l-attur fin-nota tieghu donnu jaghti spjegazzjoni ghal din id-diskrepanza meta jghid illi f'certi *delivery notes* il-prezz kien €5 iktar, dan mhuwiex verosimili, aktar u aktar meta wiehed janalizza l-fattura numru 13728 - li giet prezentata darbtejn mill-attur a fol 20 u 25. Fil-fatt, hawnhekk l-attur jidher illi qed jaqbel perfettament mal-konvenut.

Il-fattura 13728 tirraprezenta konsenja ta' sitt elef gallun (Big) x 3. Fl-*affidavit* tieghu, a fol 28 kif ukoll a fol 30, il-konvenut ighid li *bowser* ta' sitt elef gallun kien jinbiegh lil klijent bil-prezz ta' hamsin Euro, pero l-attur kien ibieghu lil konvenut ghal prezz ta' hamsa u erbghin Euro. Id-differenza kienet tkun il-*commission* dovuta lill-konvenut.

*"… filwaqt li bowser ta' sitt telef gallun, Lawrence kien ibieghu bil-prezz ta' hamsin Euro (€50) pero' lili kien itihuli bil-prezz ta' hamsa u erbghin ewro (€45). L-ircevuta kienet dejjem tkun bil-prezz kemm ibieghu hu u biex inkun preciz ricevuta ta' ghoxrin Euro; dik ta' tletin ewro jew ta' hamsin ewro skond il-kaz, u li kien jifdal kien commission ghaliha. Dejjem hekk hdimna." (affidavit tal-konvenut - fol 28 - tielet paragrafu)*

Dan huwa anke korroborat mill-attur fix-xhieda tieghu in kontro-ezami meta ighid illi l-prezz tieghu ghal bowser tas-sitt elef gallun kien ta' hamsa u erbghin. (pagna 2 minn 8 - kontro-ezami - 22 ta' Frar 2019).

Pero' imbaghad jekk wiehed jara id-*delivery note* fuq imsemmija, konsenjata lil certu Jeff Cassar minn Zebbug fid-29 ta' Mejju 2017, l-ammont indikat fuq il-fattura huwa ta' €150 (u cjoe €50 ghal kull konsenja ta' sitt elef gallun), anke jekk fir-rendikont Invoice (Dok LB1) ipprezentat mill-attur a fol 4 tal-process, din l-istess konsenja hija indikata bic-cifra ta' €135.00 u fir-rendikont l-iehor a fol 4, l-istess konsenja hija immarkata bir-rata ta' €45.00 il-*bowser* (allura total ta' 135 ghal tlieta). Dan jaqbel perfettament ma' dak li jghid il-konvenut illi d-*delivery notes* (fatturi) kienu dejjem ikunu fl-ammont shih (jigifieri jinkludu l-*commission* tal-konvenut) halli l-konvenut jigbor l-ammont shih minghand is-sidien.

Dan issib konfort ukoll fil-fattura 13599 (fol 38) pprezentata mill-konvenut li tindika l-ammont ta' €50 ghall-konsenja ta' sitt elef gallun.

Illi kif diga' rajna, fir-rigward tal-fatturi 15004 (fol 22), 13955 (fol 25) 13737 (fol 21) ipprezentati mill-attur, li jirreferu ghal *bowser* ta' tlett elef gallun ic-cifra indikata fuq il-fattura daqqa tkun indikata bhala tletin Euro u daqqa bhala hamsa u tletin. Mentri fir-rendikont a fol 4 u a fol 5 dawn l-istess fatturi huma dejjem indikati bit-tletin Euro. Minn dawn it-tlieta l-konvenut ipprezenta fattura wahda u cjoe' dik ta' 13955 li tidher a fol 35, fl-ammont ta' tletin Euro. A fol 31, fir-rendikont li pprezenta l-konvenut, l-istess fattura 13955 tidher bic-cifra ta' hamsa u ghoxrin Euro. Terga' u tghid ir-rendikont ipprezentat mill-konvenut a fol 31 u 32 ma jinkludix il-commission u ghalhekk mhuwiex l-ammont shih kif jidher fill-fatturi.

Fil-fatturi prezentati mill-konvenut kull fejn jirrikorri *bowser* ta' tlett elef gallun, ic-cifra hija dejjem indikata bhala tletin Euro - ara fol 33 (fattura 16076 u 16015), fol 34 (fattura 16154), fol 35 (fattura 13955), fol 36 (fattura 16194), fol 38 (fattura 13597) u fol 39 (fattura 16285 u 16297).

It-Tribunal ma jistax jinjora dak illi qal il-konvenut a fol 30 illi l-firem fuq il-fatturi 15490, 15489 u 13737 huma ffalsifikati. Fil-fatt, il-firem ma jidhrux daqshekk genwini peress illi huma mhanzzra u differenti mill-firem l-ohra li assuma l-patrocinju taghhom il-konvenut. Dan ikompli jinduci lit-Tribunal fil-fehma li t-tezi tal-konvenut hija aktar probabbli. Di piu' r-rendikont a fol 31 u 32 ipprezentat mill-konvenut fihom il-firma ta' Joshuella - li jaqbel mal-firem taghha li jidhru fil-fatturi esebiti. Din pero' ma ngabitx biex tixhed u ghalhekk din il-firma taghha zgur mhijiex kontestata.

Ikkunsidra

Wara li gharbel u qies id-dokumenti u c-cirkostanzi kollha, it-Tribunal ihoss li l-kriterju determinant u l-fattura li tholl u torbot l-argument hija l-fattura numru 13728 li hija indikata bhala €150 fuq il-fattura imma €135 fuq ir-rendikonti ipprezentati miz-zewg partijiet u li allura tikkorrobora t-tezi tal-konvent illi l-ammont indikat fuq il-fattura kien jinkludi l-commission. Mela ghalhekk minn dan isegwi li ic-cifra kollha li jidhru fuq il-fatturi prezentati mill-partijiet ghandhom jinkludu wkoll il-*commission* - allura bowser ta' elf gallun li jiswa ghoxrin Euro jinkludi l-*commission*, *bowser* ta' tlett elef indikat bhala tletin jinkludi l-*commission* u *bowser* ta' sitt elef indikat bhala hamsin Euro jinkludi l-*commission*.

It-Tribunal huwa sodisfatt li l-ispjegazzjonijiet moghtija mill-konvenut huma hafna iktar verosmili fic-cirkostanzi u li r-rendikonti pprezentati minnu a fol 31 u 32 huma konsistenti u

ghandhom iktar mis-sewwa u ghalhekk jirriflettu l-vera sitwazzjoni kif kienet bejn il-partijiet. Mhuwiex verosimili s-sitwazzjoni deskritta mill-attur fin-nota tieghu fejn daqqa *commission* jitnizzel fic-chits u daqqa ma jitnizzilx u dan, abbinat mal-ikonsistenzi fid-dokumenti pprezentati mill-attur ikompli jinduci lit-Tribunal favur it-tezi tal-konvenut fejn ergo ma jidhirlux li l-attur irnexxielu jipprova l-kaz tieghu sal-grad li trid il-ligi.

Ghal dawn il-motiv jaqta' u jiddeciedi illi jichad it-talba tal-attur. Bl-ispejjes kontra tieghu.

Dr Michela Spiteri LL.D.
*Ġudikatur*

Daniel Sacco
*Deputat Reġistratur*